**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 129/2025 GG**

**35°14° Capital SCC p.l.c (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros**

**vs**

**Jean Pierre Gatt (K.I 435082M)**

Illum 22 ta' Mejju 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c (C 105417) li qed taġixxi għan -nom ta' Cell Couros ai termini tal-artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Frar 2025

1. Illi in forza ta' sentenza finali mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet '*Bank of Valletta plc (C2833) vs Phonic*

*Limited (C35863) u Emanuel u Maria Rosaria konjugi Gatt'* deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2012 (bin-numru ta' referenza 890/2010/AE) (kopja tas-sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok A**'), is-soċjeta' Phonic Limited ġiet ikkundanata tħallas is-somma t'erbgħa u sebgħin elf, hames mija u erbgħa u ħamsin Euro u ċenteżmu, (€74,554.01), u lil Emanuel u Maria Rosaria konjugi Gatt is-somma ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn erbgħa u tletin Euro (€58,234) lill-Bank of Valletta plc (C2833) (il-"**Bank**"), flimkien mal-imgħax fuq l-istess somma mis-7 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Illi rriżulta li d-debitur Emanuel Gatt (K.I 196845M) ġie nieqes nhar it-3 ta' Awwissu 2013 u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B**'), u li d-debitriċi Maria Rosaria Gatt (K.I 498041M) ġiet nieqsa nhar l-24 ta' Ottubru 2012 u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok C**');

3. Illi permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Dr Pamela Mifsud Bonniċi ta' nhar id-9 ta' April 2013 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok D**'), id-debitriċi Maria Rosaria Gatt innominat lill-intimat Jean Pierre Gatt bħala l-eredi universali tagħha;

4. Illi permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Dr Pamela Mifsud Bonniċi ta' nhar it-3 ta' Diċembru tas-sena 2013 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok**

**E**'), id-debitur Emanuel Gatt innomina lill-intimat Jean Pierre Gatt bħala l-eredi universali tiegħu;

5. Illi b'effett mit-18 ta' Diċembru 2023, is-soċjeta' rikorrenti akkwista mingħand il-Bank id-drittijiet, it-titoli, l-interessi u l-benefiċċji kollha fil-konfrint tas-soċjeta' Phonic Limited, Emanuel Gatt, u Maria Rosaria Gatt, u dan bħala partin min bejgħ ta' portafoll ta' *non-performing loans* lill-istess soċjeta rikorrenti, liema trasferiment seħħ skont r-reregolamenti tal-Att dwar is-Securitisation, Kap. 484 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja tal-att tat-trasferiment qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok F**') (koppja tal-lista redotta tad-debituri soġġetti għat-trasferiment inkluż tas-soċjeta 'Phonic Limited qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok G**');

6. Illi l-ammont dovut skont is-sentenza surreferita lis-soċjeta' rikorrenti sal-14 ta' Frar 2025 jammonta għas-somma kumplessiva ta' mija u tletin elf, mitejn u tnejn u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€130,242.61), liema somma tirrappreżenta s-segwenti:

(i) L-ammont ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin Euro (58,234) sorte;

(ii) L-ammont ta' tmienja u sittin elf, mitejn u disgħa u tmenin Euro u seba' ċenteżmi, (€68,289.07) rappreżentati imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mis-7 ta' Settembru 2010 sad-data tal-preżenti, b'riżerva għal imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv (kopja tar-

rendikont relattiv qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok H**');

(iii) L-ammont ta' tlett elef, seba' mija u dsatax-il Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,719.54) spejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji, b'mod partikolari tal-kawża suċitata bin-numru ta' referenza 890/2010AE, b'riżerva għall-ispejjez ta' atti ġudizzjarji oħra (kopja tat-taxxa relattiva qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok I**');

7. Illi għallhekk, jeħtieġ li s-soċjeta' rikorrenti tiġi awtorizzata teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha kontra l-eredi tad-debituri Emanuel Gatt (K.I 196845M) u Maria Rosaria Gatt (K.I 498041M), u ċioe l-intimat Jean Pierre Gatt *ai termini* tal-artikolu 259 tal-Kaptilou 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza finali mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet '*Bank of Valletta plc (C2833) vs Phonic Limited (C35863) u Emanuel u Maria Rosaria konjugi Gatt'* deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2012 (bin-numru ta' referenza 890/2010/AE) fil-konfront ta' Jean Pierre Gatt fil-kapaċita' tiegħu bħala eredi ta' Emanuel Gatt (K.I 196845M) u Maria Rosaria Gatt (K.I 498041M), u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

**Ikkunsidrat**:

1. Illi l-intimat Jean Pierre Gatt kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz ta' smiegh u deher quddiem din il-Qorti fil-jum tas-smiegh assistit. Minkejja dan, l-intimat ma ressaq ebda risposta;

2. Illi f'dik l-udjenza l-intimatddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti kwantu r-rikors promutur;

3. Illi il-procedura intentata mis-socjeta' rikorrenti hi dik ravvizata fl-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv emergenti minn sentenzi u digrieti tal-qrati, taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji u decizjonijiet ta' arbitri rregistrati mac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta, jistghu jkunu ezeguti wara l-gheluq ta' hmistax-il sena mill-otteniment tat-titolu, biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut;

4. Illi rapprezentant tas-socjeta' attrici halef il-kontenut tar-rikors bil-gurament;

**Ikkunsidrat ukoll:**

5. Illi sia minn dak dikjarat bil-gurament kif ukoll mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promutur, jemergi illi fit-30 ta' Lulju, 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili pprolatat is-sentenza fl-

ismijiet **Bank of Valletta plc vs Phonic Limited u Emanuel u Maria Roasaria konjugi Gatt** (Rik 890/2010 AE – Dok A fol 5 tal-atti). Ir-rikors odjern, izda, qed isir f'ismijiet ben diversi minn dawk partecipi fil-kawza appena indikata u dan ghaliex filwaqt illi s-socjeta' rikorrenti 35°14° Capital SCC p.l.c kienet akkwistat id-drittijiet, titolu u l-interessi u beneficcji kollha tal-Bank of Valletta plc ( ara Dok F a fol 22 *et seq*) il-konvenuti Emanuel u Maria Rosaria konjigi Gatt, llum decessi, hallew bhala eredi universali taghhom lill-intimat odjern Jean Pierre Gatt (Dikjarazzjoniijiet *causa mortis* u certifikat tal-mewt debitament ezebiti);

6. Illi din il-procedura mhix mahsuba sabiex ikun hemm kanonizazzjoni mill-gdid tal-kreditu izda sabiex tawtorizza l-ezeguzzjoni tat-titolu li ghal xi raguni ma setghax ikun ezegwit matul iz-zmien li trid il-ligi li f'dan il-kaz huwa ta' hmistax (15)-il sena mill-otteniment tieghu. Ghalhekk dak li l-Qorti trid tinvesti huwa li verament jezisti dan it-tiolu u jekk hemmx ammont mill-ammont originali li kien saldat matul dak iz-zmien;

7. Issa, fil-kaz odjern it-titolu ezekuttiv huwa debitament pruvat bhala naxxenti minn sentenza ta' din il-Qorti. Mill-ammont kanonizzat ma jidher li thallas xejn u l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti minghajr ma kkontesta l-ammont, imghaxijiet jew spejjez kif kontenuti fil-paragrafu 6 tar-rikors promutur;

8. Ghalhekk tqis illi t-titolu ezekuttiv allegat mir-rikorrenti huwa debitament pruvat u konsegwentement l-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba;

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn din il-kawza billi fit-termini tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv kanonizzat permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Phonic Limited u Emanuel u Maria Roasaria konjugi Gatt** (Rik 890/2010 AE ) deciza fit-30 ta' Lulju 2012;

L-isepejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur